

Il-kolonni fil-Korsija fil-Kolleġġjata ta' San Pawl

# *Il-Kolonni fil-Korsija tal-Kolleġġjata: Proġett Monumentali*

***Robert Cassar***
*M.A. (Hist. of Art); B.Cons.(Hons.); B.A.(Hons.)*

Il-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu hija miksija mil-gwarniċa taċ-ċinta sal-art b'irħam ta' kull lewn u kwalità. Għajr xi partijiet maħduma fl-'irħam ta' Għawdex' (onice)[1], l-irħam kollu huwa imporatat mill-Ewropa u l-inħawi tal-Mediterran kollu. L-aktar prezzjużi huma l-lapidi funebri fil-korsija prinċipali u li taħthom insibu midfuna benefatturi u personaġġi importanti oħra li għamlu ġieħ lil din il-Kolleġġjata. Dawn huma maħduma bit-teknika tal-interzjar fejn biċċiet ċkejkna ta' rħam ikkulurit jitwaħħlu fuq irħama ħoxna bajda skond disinn sabiex jiffurmaw immaġini u li tikkommemora l-mejta taħthom. Però dan l-artiklu ser jittratta l-irħam li jiksi l-ħitan ta' din il-kolleġġjata li ftit forsi jagħtu kasu, imma li sar fi żminijiet differenti b'impenn u sagrifiċċju tal-Benefatturi li ġew qabilna u li tant ħabbew dan it-tempju Pawlin.

L-ewwel kummissjoni fl-irħam mal-ħitan tal-knisja saret meta nkesa l-kor lejn nofs is-seklu tmintax bi flus il-Kan. Giorgio Fenech li miet fl-10 ta' Mejju 1756[2]. Din, kif ukoll il-prospettiva tal-kappella tal-Kurċifiss, bl-artal tagħha, huma fost l-eqdem proġetti ta' kisi fl-irħam li nsibu fil-Kolleġġjata. Speċjalment f'dik tal-kor, insibu kwalitajiet ta' rħam fini li m'għadekx issib bħalhom illum. Bizzejjed insemmu iż-żewġ gwarniċi tal-bibien maġenb l-artal li huma kollha magħmula mill-Onice safrani ta' Għawdex, filwaqt li l-pedestalli tal-pilastri huma miksija bid-*Diaspro di Sicilia* li jkanġi minn aħmar skur li jaqleb għall-isfar u l-aħdar.

Opra oħra mill-isbaħ hija dik tal-kappella tas-Sagrament li saret fis-seklu tmintax bil-prospettiva, l-artal, il-kanċell u l-art interzjata lkoll minsuġa f'ħaġa waħda b'mod li jikkumplimentaw lil xulxin. Xogħol simili għal dan u tal-istess kwalità għolja ta' xogħol hija l-prospettiva tal-artal ta' San Krispin u San Krispinjanu bil-kolonni u l-pedestalli tagħhom miksija bl-irħam fin Sqalli *Diaspro di Sicilia*. Però l-aktar proġetti ta' kisi ta' rħam li saru fil-Kolleġġjata kien wara t-tieni nofs tas-seklu dsatax u l-bidu tal-għoxrin. Fosthom insemmu l-prospettivi tal-kappelli ta' San Martin[3], San Omobono, San Mikiel u l-kappelluni ta' San Ġużepp u San Gejtanu[4].

Dawn kienu parti minn proġett akbar u kumpless li kien qed isir fil-knisja Kolleġġjata. Dan kien jinvolvi l-bdil tal-faċċata, ir-ridekorazzjoni tas-saqaf u l-koppla kif ukoll bidla totali fl-apparenza tal-korsija prinċipali tal-knisja bl-irħam. Għalkemm il-bdil tal-faċċata, ma kenitx biċċa xogħol

xejn faċli, il-korsija involviet biċċa inġinerija liema bħalha li qatt ma seta' kien possibbli jekk ma kienx għall-għaqal u d-determinazzjoni ta' missirijietna u l-bennejja li daħlu għal din il-biċċa xogħol hekk riskjuża.

Il-proġett li tlesta madwar is-sena 1894[5], kien jinvolvi l-bdil tal-kolonni maġġuri li sa dak iż-żmien kienu tal-ġebel u jinbidlu ma' kolonni tondi tal-irħam fuq il-pedestalli tagħhom, miksija. Id-differenza kellha tkun li filwaqt li l-knisja kollha hija miksija bl-irħam, dawn il-kolonni li kellhom ikunu wieqfa weħidhom mingħajr ma jmissu mal-pilastri ta' warajhom, kellhom ikunu magħmula minn blokka solida ta' rħam. Biċċa xogħol bħal din kienet unika fil-gżejjer Maltin għajr għat-8 kolonni sħaħ maħduma fil-ġebla Maltija li nsibu fil-knisja tal-Erwieħ fil-Belt u li setgħu kienu ukoll ta' ispirazzjoni għall-Kapitlu ta' San Pawl biex isir dan il-proġett. Ix-xogħol involva l-irfid tal-arkati tal-korsija u ċ-ċinta waqt li nqalgħu l-kolonni tal-ġebel waħda waħda biex minflokhom jidħlu dawk tal-irħam. Dawn kellhom jitqiegħdu b'mod li l-kolonni tal-irħam li huma maqtugħa mill-pilastru dawra mejt, mhux biss ikunu dekorattivi bl-ilwien naturali tagħhom, imma jieħdu l-piż tal-gwarniċa u tas-saqaf tal-knisja.

Qabel il-proġett, kien ġie ppreżentat mudell bil-kampjun tal-irħam ikkulurit li kellu jintuża. Dan il-mudell li nstab xi snin ilu f'wieħed mill-imħażen tal-armar, illum jinsab għall-wiri fid-Domus Pauli. Dan jidher li kien approvat għax sar eżatt skond il-mudell, għalkemm il-kolonni m'humiex inklużi fih, imma huma sempliċiment rappreżentati b'kolonna tal-metal.

Sfida akbar f'dan il-proġett kienet li l-qisien tal-ġebel għall-irħam jibqgħu l-istess. Dan għall-fatt li d-damask fin tal-festa li kien sar xi snin qabel kien sewa ħafna flus u għalhekk kellu jitlibbes għall-festa fuq l-irħam bħal ma kien isir fuq il-korsija tal-ġebel. Dan jikkonfermah il-fatt li l-istil tal-korsija ma nbidilx, jiġifieri, dawk il-kapitelli neoklassiċi ta' stil Ioniku ma ntmessux. Biżżejjed wieħed jara disinn li kien għamel Dr. Nicola Zammit f'rappreżentazzjoni tiegħu tal-knisja Kolleġġjata minn ġewwa fil-kommemorazzjoni tal-festi ċentinarji tal-1858[6].



Il-mudelli tal-pedestalli tal-kolonni. Kollezzjoni *Domus Pauli.*




Dettall tal-ismijiet tal-benefatturi fuq il-bażi taħt il-kolonna

Dan il-proġett sar kollu kemm hu bl-għajnuna ta' diversi benefatturi li tagħhom insibu l-ismijiet imnaqqxa taħt dawn il-kolonni. Dawn li ġejjin insibuhom imnaqqxa fuq il-pilastri magħrufa aħjar bħala l-'membru' ta' bejn il-kolonni t-tondi li ta' madwar il-presbiterju, bl-ewwel tnejn imniżżla b'mod prominenti wieħed fuq kull naħa tal-altar maġġur:

- Paulo Nani
- Antonio Nani
- Giuseppe Sultana
- Sodalità ta' Ġesù Maria (fil-Knisja ta' Santu Rokku)

Dawn li ġejjin, imniżżla taħt il-kolonni prinċipali:

- Michele Balbi Neguzjant
- Alex Chapelle
- Rosilla Borg armla ta' Agostino
- Arċikonfraternità tal-Madonna tal-Karità (li ħalsu tnejn li jagħtu għal fuq il-kappellun ta' San Ġużepp li oriġinarjament kien dedikat lill-Madonna tal-Karità)
- Giuseppe Sultana
- Paolo Scicluna Neguzjant
- Josepha Xuereb bint Andrea
- Kan. Paolo Buttigieg (li aktar tard sar Monsinjur u li kien storiku ta' din il-Kolleġġjata)
- Confraternità ta' San Krispin u San Krispinjanu
- Arċikonfraternità ta' San Mikiel (li ħalsu t-tnejn li jagħtu għal fuq il-kappella ta' San Mikiel)
- Calcidonio Camilleri flimkien ma' ibnu




Ir-Royal Malta Artillery qegħdin iċaqalqu kanun fejn is-sur ta' Lascaris, 1910

- Francesco Borg flimkien ma' Antonio Asciah
- Bartolomeo Pisani Neguzjant

Minbarra x-xogħol fil-knisja, biċċa xogħol oħra kellha tkun il-qtugħ, manifattura u l-ġarr ta' dawn is-16-il kolonna sal-knisja. Jidher li kien deċiż minħabba problema ta' natura loġistika li dawn jinħadmu fi tliet biċċiet għal kull kolonna. Ma nafux jekk dawn ġewx lesti jew jekk ġewx żmarrati u rfinuti fil-post. Lanqas nafu liema fabrika ħadmet f'dan il-proġett. Li nafu żgur huwa li dawn waslu x-xatt u nħattu hemm. Imbagħad, dawn it-48 biċċa, kull waħda tiżen madwar tunellata jew anke ftit iktar ittellgħu sal-knisja għat-telgħa mir-Royal Malta Artillery li kienu attrezzati minħabba l-fatt li kienu jagħmlu xogħol simili meta jġorru l-kanuni tqal minn post għall-ieħor. Intużaw żgur karrettuni u għodda oħra li kienu b'saħħithom li jifilħu dan il-piż. L-RMA kienu ta' spiss joffru għajnuna lill-knejjes Maltin meta kien isir caqlieq ta' oġġetti tqal bħal dawn[7], aktar u aktar meta dawn kellhom il-Kanonku Dun Pawl Muscat tal-Kolleġġjata tagħna bħala l-Kurunell tagħhom[8].

Meta nqalgħu l-kolonni l-antiki, l-unika ħaġa li kienet salvata minnhom kienu t-tnax-il salib tal-Konsagrazzjoni li huma interzjati fl-irħam. Minħabba li meta tqiegħdu l-kolonni tal-irħam, ma ridux li jintmessu biex isiru s-slaleb tal-Konsagrazzjoni, l-antiki tal-irħam inxtraw mill-patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt (ta' Putirjal) u tqiegħdu fil-pilastri fil-knisja tagħhom fejn għadhom jitgawdew sa llum. Tajjeb wieħed jinnota li peress li dawn kienu maħduma fit-tond għall-kolonni tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, dawn ma tantx qagħdu tajbin fuq il-pilastri tal-knisja ta' San Franġisk li huma ċatti. Minfolk dawn, fuq il-kolonni l-ġodda tal-irħam saru slaleb tal-bronż indurati fuq disinn ta' Pio Cellini[9] li twaħħlu mal-irħam permezz ta' sempliċi toqba fil-fil ta' bejn irħama u oħra sabiex ma jintmessux kemm jista' jkun.

Jekk inħarsu lejn il-kolonni, ninnutaw li l-ġnub ma humiex dritti, imma jibdew ftit dojoq, jeħxienu għan-nofs u jerġgħu jidjiequ ftit lejn il-kapitell. Dan mhux żball, imma saru skond it-teorija klassika tal-bini fejn b'illużjoni ottika, il-kolonni kollha ħdejn xulxin jidhru dritti xemgħa.

Il-kwalità ta' rħam li ntgħażlet hija ta' kwalità tajba wkoll. L-irħam tal-kolonni huwa tat-tip magħruf bħala *Portasanta* (*Marmor chium*) ta' lewn vjola mitfi ħafna, b'elementi ħamrana ċari b'vini bojod għaddejja minn ġo nofshom. Dan l-irħam kien jinqata' f'Chios fil-Greċja, u kien jintuża ħafna mir-Rumani fl-antikità. Però l-isem tiegħu jfakkarna fil-fatt li bħalu kien intuża f'San Pietru fil-Vatikan fil-gwarniċ li jinkwadra l-bieb importanti tal-Ġublew magħruf aħjar bħala tal-*Portasanta*[10]. Il-basa tal-kolonna hija zokklu maħdum fl-irħam bajdani Taljan tal-Carrara fuq faxxa dejqa u lixxa tal-*Verde Antico* li fuq il-faċċata ta' kull waħda tnaqqxu bi kliem safrani l-ismijiet tal-benefatturi li ħallsu għalihom. Il-pedestal tal-kolonni, huwa magħmul mill-irħam *Rosso di Francia* maqtugħ fi Franza fir-reġjun ta' Languedoc. Hawnhekk, l-irħama nħadmet vera rqiqa (xi ċentimeru ħxuna) sabiex il-vina tal-irħam terġa' tinfetaħ u titpoġġa fejnha b'mod li jinħoloq disinn simetriku mill-istess irħam. Minħabba l-irquqija, l-irħam tpoġġa fuq xorok kbir tal-ġebel sabiex tkun aktar soda. Il-gwarniċi maħduma mill-irħam *Giallo Antico* li kien jinqata' minn Chemtou fit-Tunisia[11]. Maġenb il-kolonni *Portasanta*, insibu pilastri tal-*Verde Antico* mil-Greċja[12], irħam aħdar skur li jservi ta' kuntrast u sfond għal dawn il-kolonni. Bħala zokklu għal dan il-kumpless kollu, tpoġġa l-irħam magħruf bħala *Portoro*, irħam iswed b'ħajtiet dehbiena u bojod fih li jinqata' minn Portovenere fl-Italja[13].

Dan il-proġett kbir li għalkemm sar fil-kumpless kollu ta' xogħlijiet li kienu qed isiru fil-Knisja Kolleġġjata



Salib tal-Konsagrazjoni fuq disinn ta' Pio Cellini



Wieħed mis-slaleb tal-konsagrazzjoni l-antiki li jinsab fuq il-kolonni tal-Knisja ta' San Franġisk fil-Belt Valletta



Disinn ta' Pio Cellini li juri s-'Sottarki' bis-salib tal-Konsagrazzjoni li wara twaħħlu fuq il-kolonni tal-korsija. Kollezzjoni Domus Pauli

bejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, jispikka fuq l-oħrajn għal diversi raġunijiet. Fost dawn insibu kemm dan kien żmien ta' prosperità għall-Kolleġġjata, kif ukoll missirijietna dejjem għarfu bil-għaqal kif jagħmlu dawn il-proġetti anke bil-għajnuna ta' ħafna nies: finanzjarjament mill-benefatturi, manwalment bil-korp militari tal-RMA. Kull waħda minn dawn il-kolonni hija monument sieket tal-bżulija li wrew missirijietna li qatt ma qatgħu qalbhom ikomplu jsebbħu u jarrikkixxu dan it-tempju Pawlin b'opri ta' kwalità ta' livell internazzjonali. ◆

Nota: Ritratti kollezzjoni tal-awtur

## Referenzi


1. Insibu l-onice ta' lewn kannella trasparenti fil-prospettiva tal-kor u f'dik tal-kappellun ta' San Ġużepp. Din il-ġebla kienet tinqata' mill-inħawi taż-Żebbuġ Għawdex, u beda jinqata' fi żmien il-Granmastru Pinto li ħadha f'idejh bħala barriera tal-istat.
2. Michael Galea, *Il-Knisja Parrokjali ta' San Pawl Nawfragu Valletta*, Malta, 1974, p. 14; il-Kan.Giorgio Fenech miet ta' 62 sena u huwa midfun fil-korsija tal-knisja taħt waħda mil-lapidi.
3. Il-ħitan ta' din il-kappella nksew bil-flus tal-Kan. Vinċenz Azzopardi fl-1983, u dan kien l-ahhar proġett f'sensiela ta' opri ta' kisi bl-irħam li rat il-kolleġġjata ta' San Pawl.
4. Din saret mid-Ditta Buhagiar tal-Hamrun fl-1913.
5. Joseph Galea, *Il-Parroċċa Ta' San Pawl Naufragu Tal-Belt Valletta*, Malta, 1944, p. 27; wara riċerka intensiva li saret dwar dan is-suġġett, sa issa għadu ma ħareġ l-ebda dokument. Joseph Galea li jiftakar hu stess dwar dan il-proġett jikteb hekk, *"Xi ħamsin sena ilu xi wħud tħajru jagħmlu minn buthom il-kolonni tar-rħam."* 1894 hija ħamsin sena wara li nkiteb dan il-ktieb.
6. Nicola Zammit, *Memorie del Centenario del Naufragio di San Paolo Apostolo*, Malta, 1858.
7. L-RMA għenu lill-Kolleġġjata tagħna diversi drabi tul l-istorja tagħhom. Biżżejjed insemmu meta saru żewġ qniepen kbar fl-1856 u meta saret il-qanpiena l-kbira fl-1889 li lkoll ittellgħu fil-kampnari bil-għajnuna ta' dan ir-Riġiment Malti.
8. Informazzjoni mgħoddija mis-Sur Micahel Galea minn noti li kien ħalla is-Sur Pawlu Vella dwar l-istorja tal-knisja tagħna.
9. Disinn ta' Pio Cellini li jinsab fil-kollezzjoni Domus Pauli juri li oriġinarjament, dawn is-slaleb kellhom jitwaħħlu fuq il-pilastri magħrufa bħala *'sottarki'* li jinsabu maġenb dawn il-kolonni. Dan aktar jemfasizza l-fatt li oriġinarjament, bl-ebda mod ma kellhom itaqbu dawn il-kolonni ħlief għal ftit viti tar-ramm fit-truf biex jitwaħħal id-damask rikk tal-festa.
10. Gabriele Borghini (ed.), *Marmi Antichi*, Edizione De Luca, Roma, 2001, p.285.
11. https://it.wikipedia.org/wiki/Marmo_giallo_antico.
12. Gabriele Borghini (ed.), *op.cit.*, p. 292; rħam miġjub minn Tassaglia fil-Greċja.
13. Patrick Rogers, *The Beauty of Stone, The Westminster Cathedral Marbles*, London, 2008, p. 51.